Għal Malti Isbaħ u Aħjar
minn VIC APAP

## TRIQAT u TOROQ

Bagħtu jistaqsuna: Liema hi l-aħjar kelma li wieħed għandu juża: *triqat* jew *toroq*?

Ngħidu mill-ewwel li sew *triqat* kemm *toroq* huma t-tnejn tajbin, iżda ma jistax wieħed jinqeda bil-waħda jew l-oħra kif ifettillu.

Għandna nomi li jieħdu sew il-Plural Sħiħ kemm il-Plural Miksur, bħal, ngħidu aħna, *fergħa* = P.S. *fergħat*, P.M. *friegħi*; *darba* = P.S. *darbiet*, P.M. *drabi*; *ġimgħa* = P.S. *ġimgħat*, P.M. *ġmiegħi*; *sinna* = P.S. *sinniet*; P.M. *snien*. Hekk ukoll in-nom *triq* għandu l-Plural Sħiħ *triqat* u l-Plural Miksur *toroq*. Issa, għal dawk in-nomi li jieħdu ż-żewġ għamliet tal-Plural, għandna ninqdew bil-Plural Sħiħ bħala Plural Determinat (meta l-għadd ikun minn 2 sa 10) u bil-Plural Miksur bħala Plural Indeterminat (meta l-għadd ma jkunx mogħti). Għalhekk, għandna niktbu u ngħidu:-

Tliet fergħat u l-friegħi tas-siġra;
Erba' darbiet u bosta drabi;
Sitt ġimgħat u ħafna ġmiegħi;
Żewġ sinniet u s-snien tal-bniedem;
Seba' triqat u t-toroq ta' Malta.

---

## SOGĦBA u NIKET

Nisimgħu kuljum jitħabbru n-nies li mietu bil-kelmiet: "Jisgħobbina nħabbru l-mewt ta'..." jew "Inħabbru b'sogħba l-mewt ta'...". Dana użu tajjeb tal-verb *sogħob* u tan-nom *sogħba*?

Dawn iż-żewġ kelmiet mhumiex jintużaw tajjeb hawnhekk, għaliex *sogħob* ifisser li wieħed iddispjaċih ta' ħaġa li għamel (to repent, pentirsi). Tant hu hekk li l-Att ta' l-Indiema jibda bil-kelmiet: "Mulejja, Alla tiegħi, jisgħobbija b'qalbi kollha". Jiġi, għalhekk, li *sogħba* tfisser dispjaċir ta' dak li wieħed għamel (pennance, pentimento). Issa, meta tit-ħabbar il-mewt ta' xi ħadd ma jkunx hemm id-dispjaċir ta' dak li wieħed ikun għamel u li jħoss li jrid isewwih, imma jkun qiegħed iħabbar b'niket il-mewt ta' xi ħadd għażiż għalih.

Għaldaqstant, ikun jaqbel kieku dawn l-avviżi jibdew jingħataw bi kliem ieħor, bħal, ngħidu aħna: "Inħabbru b'niket il-mewt ta'..."



## IL-PERSUNALITA' POETIKA TA' DUN KARM

silta minn studju ta' OLIVER FRIGGIERI

Bħala bniedem, huwa għex ħajja kwieta, waħdu, mingħajr it-twegħir magħruf li nsibu fil-ħajja ta' bosta artisti. Bħala poeta, madankollu kien xorta oħra.

L-aqwa dehra ta' Dun Karm għad trid tidher fih bħala l-poeta ħieles fi żmien il-jasar kolonjali Ingliż. Hemm fih xewqa kbira għall-ħelsien mill-ħakma barranija, u llum din tagħtih siwi storiku. Il-moviment għall-jeddijiet kostituzzjonali li seħħ fi żmienu huwa marbut ġmielu mal-għieda għall-ilsien Malti ta' dawk is-snin. Kienet sewwa sew din il-konċentrazzjoni fuq il-qagħda mwiegħra tal-gżira li għenitu jogħla fil-fama (u miegħu għola l-Malti), u jsir wieħed mill-ftit li kienu jafu xi jridu binnazzjonaliżmu tagħhom. Meta Laurent Ropa fl-artiklu tiegħu "Malte et sa litterature" ("La Grande Revue", Pariġi, Nov., 1935) sejjaħlu "poeta nazzjonali" għall-ewwel darba, f'moħħu kellu l-"Għanja tar-Rebħa", waħda mill-għajtiet feroċi ta' poeta ta' nazzjon. Madankollu, qabel l-1935, il-fama tiegħu kienet ilha li xterdet ġmielha. Kien ilu jiffirma b'ismu biss mill-1917 (ara "Il-Għanja ta' Mejju", imxandra f'"Il-Ħabib", 29 ta' Mejju, 1917), waqt li fil-"Malta Chronicle' tas-6 t'April, 1931 (paġ. 18) wieħed korrispondent kiteb ittra u kien diġa' sejjaħ lil Dun Karm' Poet Laureate of Malta".

Dan seħħ fl-imgħoddi. Fil-kuntest ta' issa, bejn il-poeta u Malta hemm relazzjoni storika ta' bejn Malta qadima, kolonjali, servili, bla edukazzjoni, konservattiva, u Malta ġdida ta' wara l-Indipendenza, ħielsa u b'moħħ ftit jew wisq miftuħ.

Fuq naħa, bħala bażi ta' din ir-relazzjoni, hemm Malta l-qadima fi żmien il-ħakma Ingliża: l-għażla tal-klassi bejn il-fqar u l-għonja kienet qawwija ħafna; madwar 75 fil-mija tal-poplu ma kinux jafu jaqraw u jiktbu, lanqas bil-Malti, waqt li l-ogħla istituzzjonijiet ma kinux favur il-qawmien ta' lsien il-poplu; l-għadd tat-trabi li kienu jmutu fit-twelid kien madwar waħda minn kull tlieta; l-ilsien Malti kien meqjus bħala fanatiku jew ras sħuna. Fil-"Malta" tad-29 ta' Settembru, 1934, fl-artiklu twil "La Zecca che non l-'azzecca", kollu fuq Dun Karm, xi ħadd "Pidi" kiteb hekk, fost ħwejjeġ oħra, lill-poeta: "Ella ignora certamen-